



2009 - 2014

PARLAMENT EWROPEW

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A7-0204/2013**

6.6.2013

# RAPPORT

dwar il-politika reġjonali bħala parti minn skemi usa' ta' għajnuna mill-Istat  
(2013/2104(INI))

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

Rapporteur: Oldřich Vlasák

Rapporteur għal opinjoni (\*):  
Sharon Bowles, Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

(\*) Proċedura b'kumitati assoċjati – Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura

RR\939172MT.doc

PE510.510v02-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

**WERREJ**

	<b>Paġna</b>
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA .....	13
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET EKONOMIĊI U MONETARJI.....	19
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI.....	24
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT .....	28

(\* ) Proċedura b'kumitati assoċjati – Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### dwar il-politika reġjonali bħala parti minn skemi usa' ta' għajnuna mill-Istat (2013/0000(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikoli 174 et seq. tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jistabbilixxu l-oġġettiv ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jiddefinixxu l-istrumenti finanzjarji meħtieġa sabiex jinkiseb,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 107(3)(a) u (c) TFUE, li jipprovdi għall-eliġibbiltà għal għajnuna reġjonali mill-Istat biex jiġi promoss l-iżvilupp ekonomiku ta' ċerti żoni żvantaġġati fl-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ottubru 2011 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 (COM(2012)0496), kif emendat (COM(2013)0146),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Jannar 2013 dwar il-modernizzazzjoni tal-għajnuna mill-Istat<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni Nru 2232/2012 tal-1 ta' Frar 2013 dwar il-linji gwida għall-għajnuna mill-Istat reġjonali għall-2014-2020,
- wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ewropew Ekonomiku u Soċjali INT/653 tas-26 ta' Marzu 2013 dwar is-suq intern u l-għajnuna mill-Istat għar-reġjuni,
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-Kummissjoni għall-għajnuna nazzjonali reġjonali għall-2007-2013<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Mejju 2012 bit-titolu 'Il-Modernizzazzjoni tal-Għajnuna mill-Istat tal-UE (SAM) (COM(2012)0209)',
- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, C(2012) 7542 finali, fil-kawża SA 33243 *Jornal de Madeira*,

---

<sup>1</sup> Testi adottati, P7\_TA(2013)0026.

<sup>2</sup> ĠU C 54, 4.3.2006, p. 13.

- wara li kkunsidra d-‘Dokument tas-servizzi tad-DĠ Kompetizzjoni li fih l-abbozz ta’ linji gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat għall-2014-2020’ tal-Kummissjoni<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Punt 57 tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali tas-7 u t-8 ta' Frar 2013 – Għajnuna Reġjonali<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-1998 dwar ir-rabtiet bejn il-politika reġjonali u l-politika dwar il-kompetizzjoni – għat-tisħiħ tal-konċentrazzjoni u tal-konsistenza reċiproka (COM(98)0673),
  - wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawżi Konġunti T-443/08, T-455/08T, Mitteldeutsche Flughafen u Flughafen Leipzig/Halle v Kummissjoni,
  - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem ‘Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir’ - "Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa’, (COM(2008)0394),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A7 0204/2013),
- A. billi l-Kummissjoni qed twettaq il-proċess tal-modernizzazzjoni tal-għajnuna mill-Istat (SAM), li l-oġġettivi tiegħu huma li jkattar it-tkabbir, jiffoka fuq każijiet ewlenin, u jissimplifika, jiffaċilita u jħaffef l-implimentazzjoni tar-regoli rilevanti;
- B. billi l-bażi ġuridika għall-proposti l-ġodda, kif stipulat fl-Artikolu 109 TFUE, tipprovdi biss għall-konsultazzjoni tal-Parlament, u mhux għall-proċedura leġislattiva ordinarja; billi l-Parlament m'għandu l-ebda rwol fl-adozzjoni tal-linji gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat lir-Reġjuni għall-2014-2020;
- C. billi l-proċedura leġislattiva ordinarja dwar il-pakkett leġislattiv tal-Politika ta’ Koeżjoni dwar il-Fondi Strutturali u għall-Investimenti Ewropej għall-2014-2020 għadha ma ġietx konkluzja;
- D. billi l-forom l-iktar komuni ta’ skemi ta’ appoġġ mill-Istat jieħdu l-forma ta’ għotjiet u sussidji, tnaqqis tat-taxxa, derogi, premji ta’ inċentiv, self b’rata baxxa ta’ imgħaxx, garanziji, rati ta’ self preferenzjali, u parteċipazzjoni fil-kapital li tingħata mill-gvern nazzjonali, reġjonali u lokali kif ukoll mill-entitajiet ikkontrollati fuq livell pubbliku u permezz ta’ numru dejjem jikber ta’ forom ta’ sħubijiet bejn is-settur pubbliku u dak privat;
- E. billi jeżistu għadd ta’ regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, kif ukoll linji gwida li japplikaw fil-livelli reġjonali, speċifiċi għas-settur u orizzontali, filwaqt li l-għażla dwar liema tip ta’ għajnuna għandha tiġi applikata tiffalla sa ċertu punt f’idejn l-Istati Membri;

<sup>1</sup> Brussell, 2012 (l-ebda data).

<sup>2</sup> EUCO 37/13, 08.02.2013, p.22.

- F. billi, skont il-Kummissjoni, l-iskop tal-Linji Gwida għal Għajnuna Reġjonali (RAG) tagħha huwa l-promozzjoni ta' suq uniku kompetittiv u koerenti, filwaqt li fl-istess ħin jiġi żgurat li l-effetti ta' tgħawwiġ tal-għajnuna jkunu kem jista' jkun dgħajfa;
- G. billi l-għajnuna mill-Istat għandha tikkumplimenta u tftitex bilanċ mal-oġġettivi ta' politiki oħrajn tal-UE, b'mod partikolari l-Politika ta' Koeżjoni;
- H. billi l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istat jiddependu wkoll b'mod qawwi mill-każistika tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja;
- I. billi l-eżistenza ta' mekkaniżmu li jiżgura l-implimentazzjoni effettiva u l-applikazzjoni ta' għajnuna mill-Istat tal-UE hija waħda mill-kondizzjonalitajiet ex-ante stipulati fl-abbozz ta' sett ta' regolamenti dwar il-Politika ta' Koeżjoni għall-2014-2020;
- J. billi l-impatt ex-post tal-għajnuna mill-Istat u l-kontroll ta' għajnuna mill-Istat fuq l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-awtoritajiet lokali, kif ukoll fuq il-kumpaniji, is-swieq u l-ekonomija b'mod globali, ma ġiex valutat b'mod suffiċjenti, kif tirmarkat l-Qorti tal-Awdituri fir-rapport tagħha bl-isem l-'Effiċjenza tal-Kummissjoni fil-valutazzjoni tal-Għajnuna mill-Istat'<sup>1</sup>;
- K. billi l-anzjetà dwar il-piżijiet amministrattivi hija l-preokkupazzjoni ewlenija li taffettwa lill-benefiċjarji fir-rigward ta' regoli marbuta mal-għajnuna mill-Istat jew mal-Politika ta' Koeżjoni;

## **Il-koordinazzjoni ta' regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat u l-Politika ta' Koeżjoni**

1. Jilqa' l-abbozz tal-Kummissjoni ta' linji gwida dwar l-għajnuna reġjonali għall-perjodu 2014-2020 bħala parti integrali tal-programm għall-modernizzazzjoni tal-għajnuna mill-Istat (SAM); itenni l-appoġġ tiegħu għal approċċ fejn ir-regoli ta' kompatibbiltà għall-valutazzjoni tal-għajnuna mill-Istat ikollhom l-għeruf fi prinċipji komuni u jkunu konsistenti fir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa <sup>2</sup> (GBER) kollu u fil-linji gwida differenti kollha; jiffavorixxi l-adozzjoni ta' regoli ta' kontroll u ta' infurzar tal-għajnuna mill-Istat iktar sempliċi, prevedibbli u effikaċi abbażi ta' analiżi ekonomika soda;
2. Huwa tal-fehma li l-implimentazzjoni kemm tal-Politika ta' Koeżjoni kif ukoll tar-regoli dwar l-iskemi ta' appoġġ mill-Istat biex jiġu rinfurzati l-investiment u sħubiji pubbliċi-privati lokali u reġjonali huma ta' importanza ewlenija għall-promozzjoni ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-iżvilupp reġjonali u lokali, it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, u l-ħolqien tal-impjiegi; madankollu, jinsab imħasseb dwar jekk ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat humiex konsistenti mal-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u tal-Investiment Ewropej; iħeġġeġ għalhekk lill-Kummissjoni biex tiżgura konsistenza tas-SAM mar-regolamenti dwar il-Politika ta' Koeżjoni 2014 – 2020, sabiex ma jkunx hemm varjazzjonijiet kbar fit-trattament ta' oqsma li jappartjenu lill-istess kategorija ta' reġjun fi ħdan il-Politika ta' Koeżjoni;

<sup>1</sup> Rapport Speċjali Nru 15 tal-Qorti tal-Awdituri: l-Effiċjenza tal-Kummissjoni fil-valutazzjoni tal-Għajnuna mill-Istat. 2011.

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta' Awwissu 2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) ĠU L 214, 9.8.2008, p. 3.

3. Jiddispijaċih li l-Artikolu 109 TFUE – il-bażi fit-Trattat li jippermetti r-regolamentazzjoni u, b'mod indirett, il-GBER – jipprevedi biss konsultazzjoni mal-Parlament, u mhux kodeċizzjoni; jemmen li dan id-defiċit demokratiku ma jistax jiġi ttollerat; jipproponi li dan id-defiċit għandu jiġi ssuperat kemm jista' jkun malajr, permezz ta' arraġamenti interistituzzjonali fil-qasam tal-politika dwar il-kompetizzjoni, u korrett bit-tibdil li jmiss fit-Trattat; jirrimarka li l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għal Unjoni Ekonomika u Monetarja aktar profonda jipprevedi proposti għal tibdil tat-Trattat sal-2014; iqis li proposta bħal din għandha tinkludi, fost affarijiet oħra, proposta speċifika li temenda l-Artikolu 109 TFUE sabiex jiġu adottati r-regolamenti msemmija f'dak l-Artikolu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja;
4. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tibqa' toħroġ linji gwida legali mhux vinkolanti fil-qasam tal-politika dwar il-kompetizzjoni, b'mod partikolari dwar l-għajjnuna mill-Istat, billi tieħu kont kif xieraw tal-każistika eżistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex tiżgura ċerta ċertezza ġuridika għall-partijiet ikkonċernati;
5. Jenfasizza l-fatt li r-rwol ewlieni tal-kontroll tal-għajjnuna mill-Istat huwa li jiġi żgurat li jkun hemm sitwazzjoni ekwa f'suq intern kompetittiv u koerenti; jappoġġa bis-sħiħ l-għan ġenerali tal-programm SAM li jadatta r-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat għall-ħtieġa li jiġi promoss it-tkabbir ekonomiku fl-UE; jinnota li huwa partikolarment rilevanti li jiġi promoss tkabbir ekonomiku fl-iktar reġjuni żvantaġġjati tal-UE, billi l-effetti ta' tgħawwiġ tal-għajjnuna fi ħdan is-suq intern jinżamm f'livell minimu;
6. Jenfasizza li r-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat, kif ukoll l-oġettivi tal-Politika ta' Koeżjoni, għandhom iwasslu għal titjib fis-sitwazzjoni tar-reġjuni l-iktar żoni żvantaġġjati, u li l-proċess SAM għandu jirrifletti l-oġettivi tal-koeżjoni madwar l-UE, jiġifieri billi jikkontribwixxi fl-iżvilupp sostenibbli tar-reġjuni u fit-titjib tal-benessri; jemmen li l-modernizzazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni għandha tkun ibbażata fuq fehim sħiħ tal-impatt tar-regoli fil-livell subnazzjonali;
7. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-promozzjoni ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv permezz tal-għajjnuna mill-Istat tiġi implimentata b'konsistenza ġenerali ma' strateġiji kredibbli għall-konsolidazzjoni fiskali fuq medda twila ta' żmien; jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tikkunsidra iktar ir-rabtiet bejn il-politiki ta' għajjnuna mill-Istat u s-sorveljanza fiskali fit-tfassil ta' Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi, u jitlob lill-Istati Membri jqisu dawn ir-rabtiet meta jfasslu l-Programmi tagħhom ta' Stabilità u Konverġenza u l-Programmi ta' Riforma Nazzjonali; jenfasizza l-bżonn ta' simplifikazzjoni ta' regoli, u li jkun hemm inqas għajjnuna mill-Istat - iżda mmirata aħjar - billi jitqies li l-għajjnuna mill-Istat hija maħsuba bħala eċċezzjoni, u mhux bħala regola ġenerali; jenfasizza l-bżonn li jiġu pprevenuti u evitati tlielaq għas-sussidji bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari fi żmien ta' restrizzjonijiet baġitarji kbar madwar l-UE;
8. Jemmen li l-għajjnuna reġjonali jista' jkollha rwol effettiv biss jekk tintuża bir-rażan u b'mod proporzjonali, u tkun ikkonċentrata fuq ir-reġjuni l-aktar żvantaġġjati tal-UE fejn tkun tinħtieġ l-aktar; jenfasizza l-kontribut strutturali tal-għajjnuna għall-iżvilupp reġjonali, b'mod partikolari fil-kuntest attwali ta' kriżi ekonomika qawwija; jitlob lill-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-kriterju ta' kriżi ta' "xkiel serju fl-ekonomija ta' Stat Membru" għadu japplika fl-ekonomija reali kif ukoll fis-settur finanzjarju, u biex tiċċara u tistandardizza l-

kriterji biex issir din l-evalwazzjoni;

9. Jinnota li hemm marġni ta' rduppjar bejn il-fondi strutturali tal-Politika ta' Koeżjoni u l-ghajjnuna mill-Istat lill-kumpaniji; jenfasizza li parti sinifikanti min-nefqa taħt il-Politika ta' Koeżjoni tal-UE fil-perjodu 2014 - 2020 taqa' taħt il-GBER u li mhux biss ir-RAG, iżda wkoll linji gwida oħra orizzontali u skont is-settur huma rilevanti f'dan il-kuntest; jinnota li dawn l-istrumenti kollha ta' ghajjnuna mill-Istat għandhom ikunu koerenti bejniethom u mal-objettivi tal-Politika ta' Koeżjoni, u li dawn ir-regoli fl-aħħar mill-aħħar għandhom jiżguraw nefqa effikaċi tal-flus pubbliċi u jippromwovu t-tkabbir;
10. Jinnota l-importanza tal-GBER fil-proċess kollu tas-SAM peress li eżenzjoni ta' kategorija mir-rekwiżit tan-notifika għal ċerti kategoriji ta' ghajjnuna tista' tnaqqas serjament il-piż amministrattiv għall-Istati Membri u tippermetti lill-Kummissjoni tikkonċentra r-riżorsi tagħha fuq il-każijiet li huma l-aktar ta' tfixkil u tagħti prijorità aħjar lill-attivitajiet ta' infurzar tagħha; jemmen, għalhekk, li l-abbozz ġdid tal-GBER u s-sett ta' prinċipji komuni tiegħu kellhom ikunu ppubblikati mill-Kummissjoni qabel kwalunkwe linji gwida speċifiċi;
11. Jilqa' l-għan tal-Kummissjoni fil-proċess SAM li trendi l-prinċipji iktar ċari, sempliċi u faċli; hu tal-fehma li dawn il-prinċipji għandhom ikunu kkoordinati sew ma' politiki oħrajn tal-UE kif ukoll ikunu ċari, prevedibbli u flessibbli biżżejjed biex jissodisfaw il-bżonnijiet ta' ċerti Stati Membri u r-reġjuni tagħhom li jħabbtu wiċċhom ma' żmien ta' kriżi u tbatija ekonomika gravi; itenni r-rikonoxximent tiegħu tar-rwol tal-ghajjnuna mill-Istat fl-indirizzar tal-kriżi ekonomika u fil-kisba tal-objettivi ta' tkabbir u impjeg; jemmen f'dan ir-rigward li l-Kummissjoni għandha tiżgura li l-intensitajiet tal-ghajjnuna stabbiliti fir-RAG futuri ma jiġux applikati għas-sussidji pubbliċi mill-Fondi Strutturali u għall-Investment Ewropej; jesprimi t-tħassib tiegħu li l-proposta, kif ippubblikata għall-konsultazzjoni, m'għandhiex evidenza suffiċjenti bħala bażi u tista' tmur kontra l-objettiv ta' simplifikazzjoni;

### **Kopertura territorjali tal-ghajjnuna mill-Istat reġjonali 2014-2020**

12. Jinnota li, kuntrarjament għat-tipi l-oħrajn ta' ghajjnuna mill-Istat li jistgħu jingħataw fl-UE, l-ghajjnuna reġjonali per definizzjoni għandu jkollha kamp ta' applikazzjoni ġeografiku u kopertura demografika limitati;
13. Huwa tal-fehma li t-tqassim f'żoni ġeografiċi tar-RAG ġdid 2014-2020 madankollu għandu jinżamm jew għandu jmur oltra l-livell attwali ta' 45 %, u li l-intensità tal-ghajjnuna għandha tinżamm fil-livell attwali, meta titqies is-sitwazzjoni politika, ekonomika u soċjali fl-Istati Membri kif ukoll l-iżvantaġġi naturali, ġeografiċi u demografiċi ta' ċerti reġjuni; jirimarka li, fil-kuntest globali, l-ekonomiji tal-UE u taż-ŻEE jistgħu jitqegħdu fi żvantaġġ fir-rigward ta' pajjiżi terzi li jibbenefikaw minn mudelli ta' impjegi inqas stretti jew minn inqas spejjeż, u dan jagħmilhom inqas attraenti; jindika li, fiż-żoni żvantaġġjati tal-UE, il-ħtieġa għal aġġustamenti fil-karta tal-bilanċ tas-settur privat, qtugħ dovut għall-awsterità fil-finanzi pubbliċi u l-inċertezza ekonomika qed jipperikolaw l-investment u l-aċċess għall-finanzi, u b'hekk jiżdiedu l-inugwaljanzi madwar ir-reġjun;
14. Huwa tal-fehma li r-regoli l-ġodda m'għandux ikollhom impatt restrittiv għal regoli ġodda

dwar l-investment u t-tkabbir f' reġjuni kif jitbiegħdu mill-kategorija inqas żviluppata u jersqu lejn dik iktar żviluppata; hu konxju li ċerti reġjuni li huma eliġibbli għall-ghajjnuna mill-Istat taħt is-sistema attwali jistgħu ma jissodisfawx il-kriterji tat-tqassim f'żoni tal-RAG fil-futur u għalhekk jistgħu jiġu esklużi mill-iskema ta' tqassim f'żoni; jemmen li dawk ir-reġjuni għandu jkollhom skema ta' sigurtà speċjali, simili għal dik tar-reġjuni tranżitorji taħt il-Politika ta' Koeżjoni, li tipprovdi għal iktar konsistenza bejn ir-regolamenti tal-Politika ta' Koeżjoni 2014 - 2020 u r-regoli dwar il-kompetizzjoni, u tippermetti lill-Istati Membri jlaħħqu mas-sitwazzjoni l-għdida tagħhom; f'dan ir-rigward jipproponi li r-reġjuni meqjusa bħala reġjuni "A" fil-perjodu 2007-2013 għandu jkollom stejntus predefinit bħala reġjuni "c" għall-perjodu 2014-2020; jitlob lill-Kummissjoni tiżgura l-possibilità li tiżdied kif xieraq l-intensità massima tal-ghajjnuna fl-eks reġjuni "a", inklużi r-reġjuni b'effett statistiku, kif ukoll fir-reġjuni "c";

15. Jenfasizza r-rwol tal-ghajjnuna mill-Istat f'ekonomiji li ntaqtu b' mod partikolari mill-kriżi għal liema ekonomiji l-finanzjament pubbliku taħt il-Politika ta' Koeżjoni jista' jkun l-uniku sors ta' investment; b'rabta ma' dan, jipproponi li jitqiesu d-derogi reġjonali speċifiċi lil hinn mill-mapep ta' ghajjnuna reġjonali, biex l-Istati Membri jkun jistgħu jiffaċċjaw l-effetti negattivi ulterjuri tal-kriżi; jirrimarka li, fir-rigward tal-iżvilupp ekonomiku l-perjodu 2008-2010, u fir-rigward tal-qgħad il-perjodu 2009 - 2011, għandhom jintużaw mill-Kummissjoni bħala bażi għall-eliġibilità għal ghajjnuna mill-Istat, minkejja l-fatt li dawk is-snin għadhom ma jistgħux jikkostitwixxu element ta' kejl tal-impatt territorjali tax-xkiel dovut għall-kriżi u għad-diżastri naturali; jitlob lill-Kummissjoni biex taġixxi fuq il-bażi tal-iktar data reċenti u speċifika; jitlob li, sabiex jiġi evitat żbilanċ, il-Kummissjoni testendi l-validità tal-RAG attwali u l-mapep reġjonali b'mill-inqas 6 xhur, billi l-mapep il-ġodda mhux se jiġu approvati f'waqthom; jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li twettaq revizzjoni ta' nofs it-terminu tal-mapep reġjonali tar-reġjuni "c" fl-2017;
16. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-effetti ekonomiċi tad-deċizzjonijiet tal-ghajjnuna reġjonali tagħha f'kuntest ġeografiku usa' peress li r-reġjuni mal-fruntiera jistgħu jikkompetu mat-territorju taż-ŻEE għas-sit tal-attività ekonomika; jirrakkomanda li l-Kummissjoni tqis dan il-punt fil-politika tal-viċinat tal-UE tagħha u fin-negożjati ma' pajjiżi kandidati;
17. Ifakkar il-pożizzjoni tal-Kunsill Ewropew, li ta istruzzjonijiet lill-Kummissjoni biex tiżgura li s-sitwazzjoni partikolari tar-reġjuni li jmissu ma' reġjuni ta' konverġenza jittieħed kont tagħha; jenfasizza għalhekk l-importanza ta' approċċ ibbilanċjat għad-deżinjazzjoni tal-hekk imsejħa żoni "a" u "c", bl-għan li jiġu minimizzati l-inugwaljanzi fl-intensità tal-ghajjnuna bejn reġjuni minn Stati Membri differenti li jaqsmu l-istess fruntiera; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-reġjuni mhux eliġibbli għal ghajjnuna tal-Istat li jmissu ma' żoni 'a' ta' pajjiż ieħor jingħataw allokazzjoni speċifika fit-termini tal-kopertura 'c'; iqis li din l-allokazzjoni, permezz ta' deroga mil-limitu ta' kopertura ġenerali, għandha tiġi assenjata lill-Istati Membri minbarra l-allokazzjoni ta' żoni "c" predefiniti u mhux predefiniti; jinsisti li d-differenza fl-intensità tal-ghajjnuna bejn il-kategoriji kollha ta' reġjun u d-daqsijiet kollha ta' kumpanija għandha tkun limitata għal massimu ta' 15 %;
18. Jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għas-sitwazzjoni tar-reġjuni l-aktar imbiegħda u



b'popolazzjoni baxxa u tar-reġjuni insulari; jipproponi l-ghajjnuna tal-Istat bħala kumpens adegwat għall-insularità, l-iżolament, id-daqs żgħir, it-tipografija diffiċli, il-klima u l-limitazzjonijiet tas-suq żgħir tagħhom; jitlob għall-allinjament tal-pakkett leġiżlattiv dwar il-koeżjoni bl-ghajjnuna operattiva tar-rekwiżiti tal-politika tal-kompetizzjoni għal dawn it-territorji; jirrikjedi li l-Kummissjoni tistqarr mill-ġdid b'mod ċar, fir-RAG il-ġdid, il-prinċipji ta' nuqqas ta' degressività u n-nuqqas ta' limitu ta' żmien għal għajjnuniet operattivi f'dawn ir-reġjuni; jistieden lill-Kummissjoni tikkjarifika d-definizzjoni tagħha ta' għajjnuna tal-Istat għar-reġjuni l-aktar imbiegħda, b'referenza speċifika għal kostijiet addizzjonali tat-trasport;

19. Jitlob lill-Kummissjoni tinkludi r-reġjuni kollha taħt il-livell 2 NUTS li jikkonsistu biss minn gżira jew bosta gżejjer fil-lista ta' żoni predefiniti "c" koperti mill-Artikolu 107(3)(c) TFUE;
20. Jipproponi li l-Istati Membri għandhom jitħallew jużaw sett usa' ta' parametri biex jiddeterminaw l-iżvantaġġi reġjonali, sabiex apparti d-densità ta' popolazzjoni baxxa, kriterji oħra bħal żvantaġġi ġeografiċi u demografiċi jew b'riskju akbar ta' diżastri naturali, jitqiesu meta tkun qed tiġi deċiża l-ghajjnuna tal-Istat għall-eliġibilità spazjali; huwa tal-fehma li l-ghajjnuna mill-Istat tirrappreżenta kumpens leġittimu fir-rigward tal-iżvantaġġi tal-insularità, l-iżolament u d-daqs ta' territorju, u li kundizzjoni bħal din għandha titqies bħala kriterju indipendenti għall-iskopijiet tal-kopertura territorjali tal-ghajjnuna reġjonali mill-Istat għall-2014-2020, sabiex it-territorji insulari jkunu jistgħu jегħlbu l-iżvantaġġi strutturali tagħhom u jiżguraw il-kundizzjonijiet għal tkabbir ekonomiku, soċjali u territorjali;

Ir-restrizzjonijiet amministrattivi tar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat fil-kuntest tal-Politika ta' Koeżjoni

21. Jemmen li l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat fi ħdan il-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni tista' tinkiseb aħjar billi jkun hemm iffukar fuq l-ghajjnuna fuq skala kbira u mmirata aħjar, regoli ssimplifikati inklużi regoli ta' notifika, u jiġu estiżi l-kategoriji orizzontali fir-Regolament ta' Awtorizzazzjoni<sup>1</sup> u l-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli ta' eżenzjoni sħiħa fil-GBER; jirrakomanda żieda fil-limiti de minimis; jieħu nota li ż-żieda tal-limiti de minimis, speċjalment għas-setturi tal-agrikoltura, is-sajd u t-trasport fir-reġjuni l-aktar imbiegħda u t-territorji insulari, tista' tgħin hom biex il-kompetittività tagħhom tilħaq lil dik tar-reġjuni kontinentali;
22. Itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex toħroġ malajr linji gwida ċari għal-valutazzjoni ta' x'inhi għajjnuna mill-Istat skont id-definizzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE u x'mhuwiex, kif ukoll għal kriterji dettaljati biex il-każijiet ta' għajjnuna mill-Istat importanti jkunu jistgħu jintgħażlu minn oħrajn anqas importanti kif imħabbar fil-pjan direzzjonali SAM;
23. Hu tal-opinjoni li fir-rigward tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-każijiet konġunti Mitteldeutsche Flughafen u Flughafen Leipzig/Halle v Kummissjoni, huwa importanti li tiġi garantita applikazzjoni korretta tar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat fil-programmi tal-

---

<sup>1</sup> Regolament tal-Kunsill Nru 994/98 tas-7 ta' Mejju 1998. ĠU L 142. 14.5.1998, p.1.

Politika ta' Koeżjoni, fi proġetti infrastrutturali użati għal attivitajiet ekonomiċi, biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet lokali u reġjonali u/jew l-entitajiet pubbliċi tagħhom ma jħabbtux wiċċhom ma' piżijiet amministrattivi addizzjonali; jenfasizza li l-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti m'għandhiex tiġi pperikolata mir-regoli esiġenti ta' ġestjoni finanzjarja, inklużi r-regoli dwar id-diżimpenn li jappartjenu għall-Politika ta' Koeżjoni u l-prattika tal-ilmenti fil-proċedura tal-ġhajjuna mill-Istat;

24. Itenni, sabiex jiġi żgurat approċċ semplifikat iżda konsistenti, it-talba tiegħu għall-kjarifika dwar il-valutazzjoni tal-ġhajjuna mill-Istat li nġhatat taħt ir-Regolamenti dwar l-Eżenzjoni Shiġa mill-Istati Membri, peress li din probabbli se tippreżenta diffikultajiet partikolari mhux biss għall-SMEs iżda wkoll għall-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-entitajiet tagħhom taħt l-ipprogrammar tal-Politika ta' Koeżjoni għall-2014-2020; jenfasizza li s-semplifikazzjoni m'għandhiex tiġi mfittxija għas-skapitu tal-infurzar;
25. Jenfasizza li l-kundizzjonalità ġenerali ex-ante rigward l-ġhajjuna mill-Istat fi ħdan il-Politika ta' Koeżjoni tirrikjedi li l-Kummissjoni tapplika approċċ iktar proattiv għall-każijiet tal-ġhajjuna mill-Istat, partikolarment jekk jiżdiedu d-daqs u l-kamp ta' applikazzjoni tal-ġhajjuna eżentata min-notifika; jaqbel mal-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri li l-Kummissjoni għandha tqajjem kuxjenza dwar l-obbligu ta' notifika, tippromwovi l-aqwa Prattiki, tipprovdi informazzjoni mmirata dwar tipi differenti ta' notifika, tipprevedi l-pubblikazzjoni ta' sezzjoni aġġornata regolarment li tindirizza mistoqsijiet frekwenti dwar il-websajt tal-kompetizzjonijiet, u twaqqaf helpdesk li jindirizza mistoqsijiet rigward l-interpretazzjoni tal-linji gwida;
26. Jemmen li l-Istati Membri u r-reġjuni għandhom jikkoordinaw aħjar l-attivitajiet tagħhom mal-Kummissjoni, f'termini tal-kwalità u l-waqt xieraq tal-informazzjoni li jippreżentaw u n-notifiki li jippreparaw; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw l-applikazzjoni xierqa tal-kundizzjonalità ex-ante tal-ġhajjuna mill-Istat taħt il-Politika ta' Koeżjoni, kif ukoll konformità aħjar mar-regoli dwar l-ġhajjuna mill-Istat fil-livell nazzjonali;
27. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimmiraw il-kampanji ta' informazzjoni tagħhom rigward ir-regoli dwar l-ġhajjuna mill-Istat speċifikament lejn il-korpi reġjonali u lokali, li ħafna minnhom fi ftit okkażjonijiet biss taw ġhajjuna mill-Istat u għalhekk għandhom għarfien limitat tar-regoli li japplikaw għaliha; jistieden lill-Kummissjoni tiegħu kont ta' dan meta tivvaluta l-kundizzjonalità ex-ante li tapplika għall-ġhajjuna mill-Istat fl-Istati Membri;
28. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-obbligi amministrattivi, legali u ta' trasparenza tal-applikazzjoni tar-regoli SAM jibqgħu ċari kemm jista' jkun; jemmen li ċerti regoli proposti reċentement fl-abbozz tal-RAG għall-2014-2020 – bħax-xenarji kontrofattwali, evidenza ċara li l-ġhajjuna għandha impatt fuq l-għażla tal-investment, jew il-kundizzjoni li x-xogħol fuq il-proġett m'għandux jinbeda qabel ma tittieħed deċiżjoni mill-awtoritajiet pubbliċi biex tingħata l-ġhajjuna – li l-Kummissjoni tixtieq timponi fil-perjodu li ġej, kemm fuq kumpaniji li japplikaw għal inċentivi kif ukoll fuq l-Istati Membri u l-istrutturi tal-gvern subnazzjonali tagħhom – imorru kontra l-prinċipju ta' semplifikazzjoni u 'deburokrazzazzjoni' kif promoss fil-Politika ta' Koeżjoni u politiki nazzjonali u tal-UE oħrajn; itenni li regoli bħal dawn jistgħu jwasslu biex ċerti proġetti jiġu esklużi mill-ġhajjuna tal-investment jew li qatt ma jaslu biex jinbdew; Iqis li r-

rekwiżit ta' valutazzjoni regolari tax-xewqa tal-għajnuna mill-Istat fir-reġjuni l-aktar imbiegħda tista' tipperikola s-sigurtà u l-prevedibilità li huma meħtieġa jekk l-investituri u l-intrapiżi għandhom ifittxu opportunitajiet tas-suq fir-reġjuni kkonċernati;

Attrattività tar-reġjuni u r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat

29. Jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati regoli ċari u diretti għal għajnuna reġjonali mill-Istat u għajnuna mill-Istat speċifika għas-settur li jattiraw l-investment dirett barrani fl-UE u r-reġjuni tagħha u għall-iżgurar tal-kompetittività globali tagħhom, kif ukoll għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali;
30. Jilqa' b'sodisfazzjon r-regoli ġodda proposti (il-paragrafi 127 u 128 tal-abbozz tal-linji gwida); ihegġegħ l-Istati Membri jikkonformaw ma' dawn ir-regoli u jipubblikaw f'websajt ċentrali informazzjoni kompluta u preċiża dwar l-għajnuna mogħtija;
31. Ihegġegħ lill-Kummissjoni toħloq aċċess aktar faċli u aktar ċar għall-għajnuna tal-Istat għall-SMEs f'dawk ir-reġjuni l-aktar żvantaġġati, li jirrikonoxxi l-importanza ta' dawk l-entitajiet għall-iżvilupp reġjonali; fl-istess ħin, jistieden lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha f'każijiet ikbar u li potenzjalment ifixklu aktar;
32. Jirrikonoxxi l-problemi rigward l-għajnuna ta' investment lil intrapiżi kbar indikati mill-Kummissjoni, meta jitqies li l-evidenza tissuġġerixxi nuqqas ta' effett ta' inċentiv. Jemmen li, għalkemm l-għajnuna tal-Istat għandha tingħata primarjament lill-SMEs, esklużi l-intrapiżi l-kbar, kategorija li tinkludi wkoll intrapiżi ta' proprjetà tal-familja li tmur lil hinn mid-definizzjoni ta' SME jew ta' kumpanija b'kapitalizzazzjoni medja (mid-cap), mir-regoli tal-għajnuna tal-Istat f'oqsma koperti mill-Artikolu 107(3) TFEU mhjiex ġustifikata meta titqies il-kontribuzzjoni tagħhom lill-impjiegi, il-katini ta' forniment li joħolqu, l-involvimwent komuni tagħhom fl-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp, u r-rwol pożittiv tagħhom fil-ġlieda kontra l-kriżi ekonomika; hu tal-fehma li l-preżenza ta' intrapiżi kbar ta' spiss twassal għal suċċess għall-SMEs li jibbenefikaw mir-raggruppamenti mmexxija minn kumpaniji kbar u mill-attivitajiet ta' subappalti tagħhom; ifakkar li kienet il-Kummissjoni nnifisha li rrikonoxxiet il-kontribuzzjoni tal-investment mill-intrapiżi l-kbar bil-ħolqien ta' effetti pożittivi indiretti u l-aċċess tal-UE għas-swieq dinjija; jenfasizza li d-deċiżjoni li teskludi l-intrapiżi l-kbar fiż-żoni "c" tista' twassal għal telf ta' impjiegi, tnaqqis tal-attività ekonomika fir-reġjuni, kompetittività reġjonali mnaqqsa, tnaqqis fl-attrattività għall-investment barrani u r-rilokazzjoni ta' kumpaniji għal reġjuni oħra fi ħdan l-UE u lil hinn minnha; iqis, għalhekk, li dawn il-kumpaniji għandhom jibqgħu eliġibbli għall-għajnuna Stati fiż-żoni "c", soġġetti għal skrutinju partikolari wara notifika individwali u l-kriterju ta' kompatibilità dwar l-effett ta' inċentiv u l-kontribuzzjoni għal żvilupp reġjonali permezz ta' raggruppamenti u subappalti;
33. Jemmen li l-eliġibilità ta' intrapiżi kbar għal inċentiv ta' għajnuna mill-Istat m'għandhiex tiġi determinata biss abbażi tad-daqs tal-intrapriża jew tas-settur li fih topera, iżda wkoll abbażi tal-għadd stimat ta' impjiegi li jistgħu jinħolqu u miżmuma taħt l-inċentiv, il-kwalità u s-sostenibilità ta' dawn l-impjiegi jew tal-proġett ikkonċernat u l-effetti fit-tul tal-iżvilupp tar-reġjun inklużi l-aspetti soċjali; jenfasizza li, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà, id-deċiżjonijiet li jiddeterminaw liema proġetti partikolari għandhom l-ogħla potenzjal li jiksbu l-obiettivi tal-politiki tal-UE għandhom jitħallew f'idejn l-Istati Membri, ir-reġjuni kkonċernati u l-gvernijiet lokali;

34. Jaqbel mal-Kummissjoni li għandu jiġi evitat li l-ġhajjnuna tal-Istat twassal għal rilokazzjoni ta' attività minn sit għall-ieħor fi ħdan iż-ŻEE; jesprimi dubji, madankollu, dwar l-abbozz tal-paragrafi 24-25 u 122-124 proposti, peress li jemmen li mhumiex kumplimentari biżżejjed għall-Politika ta' Koeżjoni u inkompatibbli mal-oġġettivi tal-semplifikazzjoni; jieħu nota, b'mod partikolari, li ċ-ċifri ta' sentejn huma neċessarjament arbitrarji u li din ir-regola tista' tkun impossibbli biex tiġi infurzata, peress li kull rabta każwali u l-eżistenza ta' pjan sentejn qabel se tkun diffiċli biex tiġi ppruvata; jinsab ikkonċernat li din ir-regola tista' tiffavorixxi kumpaniji mhux Ewropew fuq daww Ewropej u dan jista' jwassal għal rilokazzjoni barra miż-ŻEE meta attività tista' tkun attirata minn ġhajjnuna reġjonali liż-żona assistita;
35. Jieħu nota tar-riskji ta' rilokazzjoni tal-kumpaniji li nġhataw ġhajjnuna mill-Istat, kemm fi ħdan l-UE u lil hinn minnha, li huma reali ħafna għar-reġjuni; jieħu nota tal-klawżola ta' salvagwardja proposta mill-Kummissjoni, li tobbliga lill-kumpaniji biex iżommu l-investment u l-impjegi maħluqa fiż-żona fejn inġhatat l-ġhajjnuna jew, inkella, isir rimborż tal-ġhajjnuna; jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għan-negożjar li għaddej bħalissa dwar ir-regolamenti tal-Politika ta' Koeżjoni għall-2014-2020, u jitlob li l-perjodi rispettivi taħt il-Politika ta' Koeżjoni u l-politika tal-kompetizzjoni għaż-żamma tal-investment u l-impjegi mill-kumpaniji li nġhataw fondi tal-UE/ġhajjnuna mill-Istat jiġu allinjati;
36. Jesprimi dubji wkoll dwar l-ineliġibilità għall-ġhajjnuna reġjonali ta' 'impriżi f'diffikultajiet fis-sens tal-linji gwida tal-Komunità dwar l-ġhajjnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi f'diffikultà' (paragrafu 11 tal-abbozz tal-linji gwida); jemmen li kumpaniji li jkunu għaddejjin minn ristrutturar m'għandhomx ikunu esposti għall-miżuri iktar stretti, speċjalment meta evalwazzjoni negattiva a priori ta' talbiet ta' ġhajjnuna minn dawn il-kumpaniji tista' twassal għal rilokazzjoni barra mill-UE; jirrimarka li r-ristrutturar responsabbli tal-kumpaniji fl-ambjent tan-negożju inċert u kontinwament jinbidel tal-lum huwa l-miżura ewlenija biex tkun ipprovduta s-sostenibbiltà fit-tul tal-investment, l-impjegi u t-tkabbir; jieħu nota li r-regola proposta kif abbozzata mhijiex biss inkonsistenti mal-ġhajjnuna tal-impriżi milquta mill-kriżi ekonomika fir-reġjuni assistiti, iżda wkoll impossibbli li tiġi implimentata, peress li dawn il-linji gwida b'mod espliċitu ma jinkludu ebda definizzjoni preċiża ta' impriżi f'diffikultà; ifakkar fir-risoluzzjoni tiegħu tal-15 Jannar 2013 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema, l-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tar-ristrutturar<sup>1</sup>, li ssejjaħ għal att legali fuq dawn il-kwistjonijiet, u jitlob li l-Kummissjoni taġixxi mingħajr dewmien;
37. Huwa konvint li essenzjali li jinżamm xi marġni ta' flessibilità għar-reviżjoni tal-linji gwida. kif imsemmi fl-abbozz tal-paragrafu 177, sabiex ikun permess kwalunkwe aġġustament meħtieġa fil-futur, peress li dawn il-linji gwida huma mfassal biex ikopru perjodu ta' 7 snin;
38. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> Testi adottati, P7\_TA(2013)0005.

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

### Introduzzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea bdiet id-dibattitu dwar il-pakkett tal-leġislazzjoni dwar il-Politika ta' Koeżjoni f'Ġunju 2011. nfasi hija fuq il-kontribuzzjoni għal Unjoni Ewropea iktar kompetittiva u għall-Istrateġija Ewropa 2020 permezz ta' investimenti tal-Politika ta' Koeżjoni filwaqt li r-reġjuni inqas żviluppati jiġu meġhuna jibbilanċjaw l-iżvilupp tagħhom ma' dawk iktar żviluppati. Minħabba l-bidliet introdotti mit-Trattat ta' Lisbona, il-leġislazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni hija soġġetta għal proċedura leġislattiva ordinarja, li tiffaċilita lill-Parlament Ewropew biex jinkorpora l-messaġġ politiku tiegħu fir-regolamenti. Id-dibattiti interistituzzjonali għadhom ma tlestewx u għadu ma nstabx kompromess dwar bosta kwistjonijiet.

Mil-lat tal-Għajnuna mill-Istat, il-pakkett leġislattiv tal-Politika ta' Koeżjoni jintroduċi l-kundizzjonalità ex-ante tal-għajnuna mill-Istat li għandha tiġi sodisfatta mill-Istati Membri. L-għan tagħha hu li tiżgura implimentazzjoni u applikazzjoni effettiva tal-liġi tal-għajnuna mill-Istat tal-UE fi ħdan il-Politika ta' Koeżjoni u għandha tiġi applikata għat-tipi kollha ta' appoġġ (inkluża l-għajnuna de minimis, għotjiet jew għajnuna pprovduta permezz ta' strumenti finanzjarji). Il-Kummissjoni se tissorvelja jekk l-Istati Membri jikkonformawx mal-kundizzjonalità ex-ante u jekk l-amministrazzjoni nazzjonali hijiex kapaċi tindirizza l-każijiet, inkluż l-irkupru tagħhom fil-ħin.

F'Mejju 2012 il-Kummissjoni bdiet il-proċess ta' modernizzazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat meta ħarġet il-Komunikazzjoni tagħha dwar il-modernizzazzjoni tal-għajnuna mill-Istat. It-tliet objettivi ewlenin ta' dan il-proċess huma il-konċentrazzjoni fuq it-*tkabbir* filwaqt li s-suq intern jinżamm b'saħħtu, dinamiku u kompetittiv, l-iffukar fuq l-ikbar każijiet ta' għajnuna mill-Istat li ħarbtu s-suq intern u l-faċilitazzjoni u l-konklużjoni tad-deċiżjonijiet marbuta ma' proċeduri ta' għajnuna mill-Istat. Il-proċess kien segwit mill-*ħruġ* ta' medda ta' abbozzi ġodda ta' dokumenti tematiċi għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat speċifiċi għas-settur u minn abbozz ġdid ta' linji gwida għar-regoli dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat. Dawn id-dokumenti kollha kienu miftuħa għall-konsultazzjoni pubblika bejn Frar u April 2013 u l-approvazzjoni formali tagħhom mill-Kummissjoni hija mistennija qabel is-sajf.

L-abbozz tal-Linji Gwida għall-Għajnuna Reġjonali mill-Istat (RSAG) kif ippublikat mill-Kummissjoni fil-bidu ta' din is-sena daħħal medda ta' kwistjonijiet ġodda, bl-iktar importanti jkunu dawn li ġejjin:

- Kunsiderazzjoni mill-ġdid tat-tqassim f'żoni territorjali tal-Linji Gwida l-ġodda u t-tnaqqis tal-limitu ta' kopertura ġenerali taż-żoni eliġibbli għal 42 %
- Tnaqqis tal-intensità tal-għajnuna f'żoni "A"
- Introduzzjoni ta' xi obbligi amministrattivi ġodda li għandhom jitwettqu mill-benefiċjarji
- Esklużjoni tal-intrapriżi l-kbar mill-għajnuna f'reġjuni "C" u limitu għall-investimenti produttivi għalihom f'reġjuni "A".

L-RSAG se jkunu supplementati mir-Regoli emendati dwar l-Eżenzjoni Sħiħa Ġenerali (mistennija fi tmiem l-2013), li flimkien mar-regola de minimis, l-għajnuna li tingħata taħt l-

iskemi eżistenti, l-ghajjnuna għall-proġetti ta' SIEĠ (servizz ta' interess ekonomiku ġenerali) skont id-deċiżjonijiet SIEĠ<sup>1</sup> tal-Kummissjoni u għajjnuna li japplika għaliha r-Regolament 1370/2007<sup>2</sup> joħlqu grupp ta' eżenzjonijiet minn notifika minn qabel.

Fil-proċess ta' SAM il-Parlament Ewropew għandu biss rwol konsultattiv mhux kodeċiżiv. Il-Parlament Ewropew esprima t-tħassib tiegħu dwar id-defiċit demokratiku ta' teħid ta' deċiżjonijiet ta' dan it-tip fir-risoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Jannar 2013 dwar il-modernizzazzjoni tal-ghajjnuna mill-Istat. Mil-lat reġjonali, il-kwistjonijiet importanti tar-risoluzzjoni indikaw ir-rwol ta' inċentivi ta' għajjnuna mill-Istat għall-Istati Membri u r-reġjuni fi żmien ta' kriżi, stiednu lill-Kummissjoni biex tkun iktar proattiva fid-distinzjoni bejn il-każijiet importanti u dawk inqas importanti u ġibdet l-attenzjoni lejn l-40% tal-każijiet taħt ir-Regolament dwar l-Eżenzjoni Sħiħa Ġenerali li, skont il-Qorti tal-Awdituri, huma problematiċi.

F'Diċembru 2012, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja qatgħet sentenza fil-kawża Leipzig-Halle. Il-Qorti ddeċidiet li hemm rabta bejn l-isfruttar ta' infrastruttura bħala attività ekonomika u l-konstruzzjoni għar-raġunijiet ta' sfruttament tagħha iktar tard. Peress li l-Istati Membri ta' spiss għandhom it-tendenza li jqisu li l-bini ta' infrastruttura mhuwiex soġġett għal regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat (minħabba li huwa ta' interess pubbliku), il-proċess ta' notifika lill-Kummissjoni ta' spiss ma sarx. Dan m'għandux jibqa' jseħħ peress li s-sentenza tal-Qorti dwar l-infrastruttura pubblika ċċarat il-kwistjoni. Madankollu, dan ifisser li jkun hemm iktar pressjoni fuq l-awtoritajiet pubbliċi li jiffinanzjaw il-bini ta' infrastruttura pubblika skont il-Politika ta' Koeżjoni futura kif ukoll iktar biża' ta' iktar restrizzjonijiet amministrattivi għall-gvernijiet lokali u reġjonali li jinvestu fi proġetti bħal dawn.

Fid-dawl tal-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq li huma marbutin ma' xulxin u se jkollhom impatt fuq il-forma u l-implimentazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni wara l-2014, il-Kumitat REGI ddeċieda li jirreaġixxi u jressaq abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew.

## **Il-koordinazzjoni ta' regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat u l-Politika ta' Koeżjoni**

Skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE, il-Politika ta' Koeżjoni għandha tikkonċentra fuq is-sitwazzjoni ekonomika, soċjali u territorjali tar-reġjuni inqas żviluppati u dawk affettwati<sup>3</sup>. It-Trattat jistipula wkoll li l-ghajjnuna pprovduta għal sitwazzjoni strutturali, ekonomika u soċjali aħjar ta' reġjuni inqas żviluppati hi meqjusa kompatibbli mas-suq intern tal-UE<sup>4</sup>. Minkejja li ż-żewġ politiki tal-UE - dwar l-ghajjnuna mill-Istat kif ukoll dik ta' Koeżjoni - għandhom sfondi differenti, jeżistu xi valuri kondiviżi: li jgħinu lil reġjuni inqas żviluppati, jippromwovu l-iżvilupp tagħhom, jappoġġaw żoni b'livell ta' għajxien iktar baxx jew dawk milquta mill-qgħad.

L-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jaħdmu favur approċċ koordinat għaż-żewġ politiki. Madankollu, l-iskeda attwali tax-xogħlijiet fuq it-testi leġiżlattivi ewlenin taż-żewġ politiki kif

<sup>1</sup> <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:52009DC0569:MT:NOT>

<sup>2</sup> Regolament (KE) Nru 1370/2007 tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq

<sup>3</sup> Art. 174 tat-TFUE.

<sup>4</sup> Art. 107 tat-TFUE.

ukoll il-proċeduri ta' approvazzjoni differenti tagħhom ma jippermettux tal-anqas ċarezza parzjali dwar l-interazzjoni bejniethom. Ir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat, jew partikolarment aktar importanti għall-iżvilupp reġjonali, il-Linji Gwida għall-għajjnuna reġjonali mill-Istat, aktarx se jiġu adottati mill-Kummissjoni qabel il-konklużjoni tan-negozjati interistituzzjonali dwar il-Politika ta' Koeżjoni għall-pakkett leġiżlattiv. Fil-fatt dan jista' jwassal għal approċċi differenti fiż-żewġ politiki u miżuri insuffiċjenti għal regoli ċari, prevedibbli u flessibbli kompatibbli mal-Politika ta' Koeżjoni.

## **Il-kopertura territorjali tal-għajjnuna reġjonali mill-Istat 2014 - 2020**

L-introduzzjoni ta' limitu ġdid għall-kopertura ġeografika tar-regoli l-ġodda dwar l-għajjnuna mill-Istat kif ukoll it-tnaqqis fl-intensità tal-għajjnuna f'reġjuni "A" huma waħda mill-kwistjonijiet kruċjali tal-RSAG il-ġodda. Ir-rapporteur jixtieq jesprimi d-dubju tiegħu dwar dan peress li hemm xi tħassib fi ħdan l-UE li jappoġġa l-idea li din id-deċizzjoni m'għandhiex tittieħed issa.

L-ewwel argument huwa l-kriżi u r-rwol tal-investimenti pubbliċi tul it-tbatijiet ekonomiċi tal-Istati Membri. Ir-rwol tal-għajjnuna mill-Istat li tingħata tul dan iż-żmien huwa kruċjali għall-iżvilupp reġjonali u ma jstax jiġi sottovalutat. Fi kliem il-Qorti tal-Awdituri, "*Għajjnuna mill-Istat lill-industrija u s-settur tas-servizzi (esklużi l-ferroviji, trasport ieħor, agrikoltura u sajd) varjat madwar 0,5% tal-PDG tal-UE-27 sakemm tfaċċat il-kriżi finanzjarja fit-tieni nofs tal-2008, imma telgħet għal 3,5% tal-PDG jew EUR 410 biljun fl-2009, li huwa l-ogħla livell minn meta l-Kummissjoni bdiet l-istħarriġ tagħha dwar l-għajjnuna mill-Istat fl-1990*"<sup>1</sup>. Huwa ċar li l-għoti ta' skemi u inċentivi ta' appoġġ mill-Istat jgħin lil ċerti Stati Membri u lir-reġjuni tagħhom jегħlbu s-sitwazzjoni ekonomika tagħhom u jikkontribwixxu lejn it-tkabbir u l-impjiegi.

Madankollu, mhijiex biss il-kwistjoni dwar il-kriżi fl-Istati Membri li tgħallimna li s-SAM għandha tkun prudenti u tirrifletti r-realtà. Hemm ukoll kwistjonijiet oħrajn - il-kompetittività tal-UE fis-suq globali meta mqabbla ma' pajjiżi terzi li jibbenefikaw minn skemi ta' impjiegi iktar laxki jew inqas spejjeż jew is-sitwazzjoni politika u soċjali fl-Istati Membri. Dawn kollha għandhom ikunu argumenti b'saħħithom biżżejjed biex jiġi abbandunat it-tnaqqis inizjalment intiż fil-kopertura territorjali tal-Linji Gwida l-ġodda dwar l-għajjnuna reġjonali mill-Istat 2014 - 2020 (RSAG) jew tiġi limitata l-intensità tal-għajjnuna fir-reġjuni. Is-SAM għandha tqis is-sitwazzjoni realistika tal-Istati Membri u r-reġjuni billi jinftiehem l-impatt tar-regoli l-ġodda fil-livell subnazzjonali.

Sitwazzjoni diffiċli ħafna wkoll hija dik tar-reġjuni li ma jibqgħux fil-mapep ta' għajjnuna reġjonali mill-Istat. In-nuqqas ta' għajjnuna lil dawn ir-reġjuni permezz ta' xi xibka ta' sikurezza speċjali simili għal reġjuni ta' tranżizzjoni f'Politika ta' Koeżjoni titqies bħala inġusta u tista' tkun iktar iebesha għalihom biex jilhq u l-objettivi ta' UE 2020. Soluzzjoni possibbli tista' tkun pereżempju li ż-żoni "A" attwali kollha jiġu ttrattati bħala żoni "C", tkun xi tkun is-sitwazzjoni statistika ekonomika formali tagħhom.

## **Ir-restrizzjonijiet amministrattivi tar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat fil-kuntest tal-Politika ta' Koeżjoni**

<sup>1</sup> Rapport Speċjali Nru 15/2011 tal-Qorti tal-Awdituri: Il-proċeduri tal-Kummissjoni jassiguraw il-ġestjoni effettiva tal-kontroll tal-għajjnuna mill-istat?

Għall-applikazzjoni effiċjenti u iktar faċli tar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat skont il-Politika ta' Koeżjoni, hu importanti li s-SAM tikkonċentra fuq l-ghajjnuna fuq skala kbira u fuq is-simplifikazzjoni tar-regoli. Dan jista' jsir billi jiżdied il-limitu de minimis jew jiġu estenzi l-kategoriji orizzontali fir-Regolament ta' Awtorizzazzjoni<sup>1</sup> u l-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli ta' eżenzjoni sħiħa fir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa<sup>2</sup>.

Dan se jkun jeħtieġ ukoll applikazzjoni mtejbja tar-regoli ta' eżenzjoni mill-Kummissjoni u l-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha tiċċara liema huma l-kriterji li japplikaw għal każijiet importanti u dawk inqas importanti, filwaqt li l-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni fil-ħin u b' mod komplut meta l-benefiċjarji jsaqsuhom dwar kwistjonijiet individwali. Fl-opinjoni tar-rapporteur, l-approċċ tal-Kummissjoni għandu jkun iktar proattiv u jwassal għat-tqajjim ta' kuxjenza dwar każijiet ta' ghajjnuna mill-Istat, speċifikament rigward awtoritajiet lokali u reġjonali li ma jagħtux ghajjnuna mill-Istat ta' spiss.

Wara li nqatgħet is-sentenza mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-kawżi konġunti Mitteldeutsche Flughafen u Flughafen Leipzig/Halle v Kummissjoni, l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistennew volum ikbar ta' amministrazzjoni u burokrazija tal-ghajjnuna mill-Istat biex jamministraw il-proġetti tagħhom fi ħdan il-Politika ta' Koeżjoni. Dan hu partikolarment rilevanti għal proġetti li jikkonċentraw fuq infrastruttura ikbar, jekk din titqies għal attività ekonomika futura.

Ir-Rapport tal-Qorti tal-Awdituri jiġbed l-attenzjoni lejn it-tul tal-proċessi preliminari u ta' notifika. Għal 40 % tal-każijiet jgħaddu iktar minn 6 xhur qabel ma tittieħed deċiżjoni. Il-Kummissjoni spiss tuża d-dritt tagħha li titlob li l-informazzjoni tiġi ċċarata mill-Istat Membru, li spiss isir qrib l-iskadenza legali. Peress li l-Istat Membru f' bosta każijiet ma jwegħibx fil-ħin u jtawwal ir-risposta tiegħu, il-proċess isir twil b' mod insopportabbli. Dan japplika wkoll fil-każ ta' proċedura ta' investigazzjoni formali - proċedura ta' lment hija twila ħafna u mhijiex trasparenti biżżejjed. Billi jittieħed kont ta' dan, l-awtoritajiet lokali u reġjonali jista' jkollhom problemi biex jikkonformaw mar-regoli stretti dwar il-ġestjoni finanzjarja inkluża r-regola ta' diżimpenn fil-Politika ta' Koeżjoni.

Bir-regoli l-ġodda dwar l-ghajjnuna mill-Istat, l-intenzjoni li tiġi ssimplifikata l-implimentazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni kif ukoll ta' politiki oħra tal-UE titqiegħed f'pożizzjoni dubjuża. Ħtieġa ikbar għal notifika preliminari jew notifika anke taħt il-proġetti tal-FEŻR jew tal-FK iżżid iktar burokrazija għall-proġetti. Hija ppjanata wkoll iktar amministrazzjoni għall-intrapriżi fi ħdan ir-regoli dwar l-ghajjnuna reġjonali mill-Istat 2014-2020, pereżempju billi jiġu introdotti affarijiet bħal xenarji kontrofattwali, evidenza ċara li l-ghajjnuna għandha impatt fuq l-għażla tal-investment jew il-kundizzjoni li x-xogħol fuq il-proġett m'għandux jinbeda qabel ma tittieħed deċiżjoni mill-awtoritajiet pubbliċi biex tingħata l-ghajjnuna. Minħabba l-fatt li l-proċeduri huma diġà twal u li l-Istati Membri nfushom ta' spiss ma jifhmux x'għandhom jivvalutaw u kif dan għandu jsir, dan jista' fil-fatt iwassal għall-esklużjoni ta' ċerti proġetti minn ghajjnuna ta' investment.

## **L-attrawenza ta' reġjuni permezz ta' regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat**

<sup>1</sup> Regolament tal-Kunsill Nru 994/98 tas-7 ta' Mejju 1998.

<sup>2</sup> Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa tal-Kummissjoni Ewropea (800/2008) tas-6 ta' Awwissu 2008.



L-opportunità li jiġu pprovduti inċentivi għall-Istati Membri, pereżempju fil-forma ta' għotjiet, tnaqqis tat-taxxa, l-għoti ta' inċentivi, self jew garanziji, spiss iżżid l-attraenza tar-reġjuni kkonċernati fir-rigward tal-investimenti diretti barranin. Madankollu, il-kundizzjonijiet f'żoni li jistgħu jingħataw għajjnuna għal intrapriżi kbar għandhom ikunu limitati skont l-abbozz tal-RSAG. Dawn jipprevedu l-esklużjoni ta' intrapriżi kbar f'reġjuni "C" u jillimitaw l-investimenti produttivi f'reġjuni "A". F'dawn ir-reġjuni, skont l-abbozz tal-Kummissjoni, l-investimenti produttivi għandhom ikunu possibbli għall-SMEs u għandhom ikunu limitati għal impriżi kbar.

Madankollu, din id-deċiżjoni hija marbuta wkoll mal-Politika ta' Koeżjoni. Fl-abbozz ta' regolament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali ta' Mejju 2011, il-Kummissjoni pproponiet esklużjoni ġenerali tal-intrapriżi l-kbar mill-investimenti produttivi. Iżda dan kien oppost kemm mill-Parlament Ewropew u kemm mill-Kunsill li, waqt in-negozjati interistituzzjonali, esprimew ir-rieda tagħhom li jifihom wkoll ċerti prijoritajiet ta' investiment għal dawn il-kumpaniji u l-investimenti produttivi tagħhom.

L-RSAG il-ġodda għandhom jirriflettu fuq il-progress attwali f'negozjati dwar il-FEŻR u fuq il-messaġġ li jittrasmettu ż-żewġ istituzzjonijiet rigward il-fehma tagħhom dwar il-parteċipazzjoni ta' non SMEs fl-iżvilupp reġjonali. L-argument b'rabta mad-deċiżjoni dwar liema kumpanija għandha jew m'għandhiex tingħata l-għajjnuna f'żoni koperti mill-RSAG huwa rilevanti, u din id-deċiżjoni għandha titħalla, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, għal-livell nazzjonali jew subnazzjonali. Iżda r-rapporteur huwa tal-fehma wkoll li l-kriterju għall-għoti ta' għajjnuna m'għandux ikun id-daqs tal-intrapriża, iżda l-kontribut tagħha lejn l-iżvilupp reġjonali, l-impjiegi, il-kwalità tal-investiment jew is-sostenibbiltà tal-proġett.



28.5.2013

## **OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET EKONOMIĊI U MONETARJI**

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar il-politika reġjonali bħala parti minn skemi usa' ta' għajjnuna mill-Istat (2013/2104(INI))

Rapporteur (\*): Sharon Bowles

(\*): Kumitati assoċjati – Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura

### **SUĠĠERIMENTI**

Il-Kumitat għall-Affarijjet Ekonomiċi u Monetarji jitlob lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-abbozz tal-Kummissjoni ta' linji gwida dwar l-għajjnuna reġjonali (RAG) għall-perjodu 2014-2020 bħala parti integrali tal-programm għall-modernizzazzjoni tal-għajjnuna mill-Istat (SAM); itenni l-appoġġ tiegħu għal approċċ fejn ir-regoli ta' kompatibbiltà għall-valutazzjoni tal-għajjnuna mill-Istat ikollhom l-għeruq fi prinċipji komuni u jkunu konsistenti fir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (GBER) kollu u fil-linji gwida differenti kollha; jiffavorixxi l-adozzjoni regoli dwar il-kontroll u l-infurzar tal-għajjnuna mill-Istat aktar sempliċi, prevedibbli u effikaċi, ibbażati fuq analiżi ekonomika soda;
2. Jinnota l-importanza tal-GBER fil-proċess kollu tas-SAM peress li eżenzjoni ġenerali mir-rekwiżit tan-notifika għal ċerti kategoriji ta' għajjnuna tista' tnaqqas serjament il-piż amministrattiv għall-Istati Membri, filwaqt li lill-Kummissjoni tħalliha tikkonċentra r-riżorsi tagħha fuq il-każijiet li jikkaġunaw l-aktar xkiel u tipprijoritizza aħjar l-attivitajiet ta' infurzar tagħha; jemmen, għalhekk, li l-abbozz ġdid tal-GBER u s-sett ta' prinċipji komuni tiegħu kellhom ikunu ppubblikati mill-Kummissjoni qabel kwalunkwe linji gwida speċifiċi;
3. Jiddispuja li l-Artikolu 109 tat-TFUE – il-bażi fit-Trattat għar-regolament ta' abilitazzjoni u, b'mod indirett, il-GBER – jipprevedi biss konsultazzjoni mal-Parlament, u mhux kodeċiżjoni; jemmen li dan id-defiċit demokratiku ma jistax jiġi ttollerat; jipproponi

li dan id-defiċit għandu jiġi ssuperat kemm jista' jkun malajr, permezz ta' arraġamenti interistituzzjonali fil-qasam tal-politika dwar il-kompetizzjoni, u korrett bit-tibdil li jmiss fit-Trattat; jindika li il-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għal Unjoni Ekonomika u Monetarja aktar profonda jipprevedi proposti għal tibdil tat-Trattat li għandu jsir sal-2014. iqis li proposta bħal din għandha tinkludi, inter alia, proposta speċifika li temenda l-Artikolu 109 TFUE sabiex tadotta r-regolamenti msemmija f'dak l-Artikolu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja;

4. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli toħroġ linji gwida mhux vinkolanti dwar il-liġi fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni, b'mod partikolari dwar għajjnuna mill-Istat, fejn tqis debitament il-każistika eżistenti tal-QEĠ, sabiex tiżgura xi ċertezza legali għall-partijiet interessati;
5. Jilqa' r-regoli ġodda proposti dwar it-trasparenza (paragrafi 127 u 128 tal-abbozz ta' linji gwida); iħeġġeġ lill-Istati Membri jikkonformaw ma' dawn ir-regoli u biex jippubblikaw f'websajt ċentrali nformazzjoni preċiża u kompleta dwar l-għajjnuna mogħtija;
6. Jenfasizza l-fatt li r-rwol ewlieni tal-kontroll tal-għajjnuna mill-Istat huwa li jiżgura parità ta' kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni fis-suq intern; jappoġġa bis-sħiħ l-għan ġenerali tal-programm SAM li jadatta r-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat għall-ħtieġa li jiġi promoss it-tkabbir ekonomiku fl-UE; jinnota li huwa partikolarment rilevanti li t-tkabbir ekonomiku jiġi promoss fir-reġjuni l-aktar żvantaġġati tal-UE, fejn l-effetti ta' xkiel fis-suq intern ikkawżati mill-għajjnuna jiġu minimizzati kemm jista' jkun;
7. Jistieden lill-Kummissjoni, madankollu, tiżgura li l-promozzjoni ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv permezz ta' għajjnuna mill-Istat tkun implimentata b'konsistenza ġenerali ma' strateġiji kredibbli għall-konsolidazzjoni fiskali fit-tul. jissuġġerixxi li l-Kummissjoni għandha tqis aħjar ir-rabtiet bejn il-politiki ta' għajjnuna mill-Istat u s-sorveljanza fiskali fl-abbozzar ta' Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għal Kull Pajjiż, u jistieden lill-Istati Membri jqisu dawn ir-rabtiet fl-abbozzar ta' Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tagħhom, u ta' Programmi għar-Riforma Nazzjonali tagħhom. jenfasizza l-ħtieġa għal simplifikazzjoni tar-regoli u li l-għajjnuna mill-Istat tonqos, imma tkun immirata aħjar, b'kunsiderazzjoni għal fatt li l-għajjnuna mill-Istat hija maħsuba bħala eċċezzjoni u mhux regola; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu evitati piki ta' sussidji bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari fi żminijiet ta' limitazzjonijiet baġitarji fl-UE kollha.
8. Jemmen li l-għajjnuna reġjonali jista' jkollha rwol effettiv biss jekk tintuża bir-rażan u b'mod proporzjonali, u tkun ikkonċentrata fuq ir-reġjuni l-aktar żvantaġġati tal-UE fejn l-aktar tkun meħtieġa; jemmen, għaldaqstant, li l-politika dwar l-għajjnuna mill-Istat u l-politika ta' koeżjoni, fil-biċċa l-kbira tagħhom, huma kumplementari u jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku; f'dan ir-rigward, iħeġġeġ li l-Kummissjoni tiżgura li s-SAM tkun konsistenti mat-tibdil propost fir-Regolament Ġenerali dwar il-Fondi Strutturali u ma tħallix li żoni fl-istess kategorija u li jiffaċċjaw diffikultajiet ekonomiċi simili jiġu ttrattati b'modi inugwali; jenfasizza l-kontribut strutturali tal-għajjnuna għall-iżvilupp reġjonali, partikolarment fil-kuntest attwali ta' kriżi ekonomika profonda; jistieden lill-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-kriterju ta' kriżi ta' "xkiel serju fl-ekonomija ta' Stat Membru" għadu japplika fl-ekonomija reali kif ukoll fis-settur finanzjarju, u biex tiċċara u tistandardizza l-kriterji biex din il-valutazzjoni ssir;

9. Jinnota li hemm marġini ta' tirkib bejn il-fondi strutturali tal-politika ta' koeżjoni u l-ghajjnuna mill-Istat għall-kumpaniji; jenfasizza li parti sinifikanti tal-infiq skont il-politika ta' koeżjoni fil-perjodu 2014-2020 taqa' taħt il-GBER u li mhux biss ir-RAG iżda linji gwida orizzontali jew speċifiċi għal kull settur oħra wkoll huma rilevanti f'dan il-kuntest; jinnota li dawn l-istrumenti ta' għajjnuna mill-Istat għandhom ikunu koerenti bejniethom u mal-objettivi tal-politika ta' koeżjoni u li dawn ir-regoli kollha għandhom fl-aħħar mill-aħħar jżguraw infiq effikaċi tal-fondi pubbliċi u jipromwovu t-tkabbir;
10. Jenfasizza li, fid-dawl tal-bidliet li ġejjin fir-Regolament Ġenerali dwar il-Fondi Strutturali għall-perjodu 2014-2020, bidliet fil-leġislazzjoni tal-politika ta' koeżjoni, speċjalment il-kategorizzazzjoni ġdida tar-reġjuni, jeħtieġ li jitqiesu bir-reqqa meta r-RAG, iżda wkoll linji gwida oħra orizzontali jew speċifiċi għal kull settur fir-rigward tal-ghajjnuna mill-Istat, ikunu qegħdin jiġu modernizzati. jinsisti li għandhom jiġu stabbiliti sinerġiji reali bejn l-istrumenti kollha ta' għajjnuna mill-Istat u l-politika ta' koeżjoni biex tiġi eliminata kull diskrepanza inkwetanti u żgurata l-konsistenza massima taż-żewġ politiki;
11. Jirrikonoxxi l-problemi dwar għajjnuna għall-investment lil impriżi kbar indikati mill-Kummissjoni, peress li l-evidenza tissuġġerixxi nuqqas ta' effett ta' inċentiv; huwa tal-opinjoni, madankollu, li l-esklużjoni totali ta' impriżi kbar mir-regoli tal-ghajjnuna mill-Istat f'oqsma koperti mill-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE mhijiex iġġustifikata minħabba l-kontribut tagħhom għall-impjeg, l-attivitajiet ta' sottokuntrattar tagħhom li minnhom jibbenefikaw l-SMEs u l-involvement tagħhom fir-riċerka u l-iżvilupp; hu tal-fehma li l-preżenza ta' intrapriżi kbar ta' spiss twassal għal suċċess għall-SMEs li jibbenefikaw mir-raggruppamenti mmexxija minn kumpaniji kbar u mill-attivitajiet ta' sottokuntrattar tagħhom; jenfasizza li din l-esklużjoni tal-intrapriżi kbar tista' twassal għal telf fl-impjegi u attività ekonomika aktar għajjiena fir-reġjuni kkonċernati kif ukoll għar-rilokazzjoni tal-attività f'reġjuni oħra, kemm fi ħdan l-UE kemm barra minnha; jissuġġerixxi li l-ghajjnuna reġjonali għal intrapriżi kbar f'oqsma koperti mill-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE għandha tingħata, soġġetta għal skrutinju partikolari wara notifika individwali u għal kriterji addizzjonali ta' kompatibbiltà dwar l-effett ta' inċentiv u l-kontribuzzjoni għall-iżvilupp reġjonali permezz ta' gruppi u ta' sottokuntrattar.
12. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex l-aċċess għall-ghajjnuna mill-Istat lill-SMEs li jinsabu f'dawk ir-reġjuni l-aktar żvantaġġati tagħmlu aktar sempliċi u ċar, u tirrikonoxxi l-importanza ta' dawk l-entitajiet għall-iżvilupp reġjonali; fl-istess ħin, jitlob lill-Kummissjoni tqawwi l-isforzi ta' infurzar f'każijiet akbar u b' aktar potenzjal ta' xkiel;
13. Jinnota li, għall-kuntrarju ta' tipi oħra ta' għajjnuna mill-Istat li tista' tingħata fl-UE, l-ghajjnuna reġjonali għandu jkollha skop ġeografiku limitat u kopertura tal-popolazzjoni limitata.
14. Jistieden lill-Kummissjoni tqis l-effetti ekonomiċi tad-deċiżjonijiet tagħha dwar l-ghajjnuna reġjonali f'kuntest ġeografiku aktar wiesa' peress li reġjuni mal-fruntieri jistgħu jikkompetu mat-territorju taż-ŻEE għal-lokazzjoni tal-attività ekonomika; jirrakkomanda li l-Kummissjoni tqis dan il-punt fil-politika tagħha tal-viceinat tal-UE u fin-negozjati mal-pajjiżi kandidati;
15. Jaqbel mal-Kummissjoni li għandu jiġi evitat li l-ghajjnuna mill-Istat twassal għar-

rilokazzjoni ta' attività minn post partikolari għal ieħor fi ħdan iż-ŻEE; jesprimi dubji, madankollu, dwar l-abbozz propost ta' paragrafi 24-25 u 122-124, u jemmen li mhumiex komplementari biżżejjed mal-Politika ta' Koeżjoni u li huma inkompatibbli mal-objettiv ta' simplifikazzjoni; jinnota, b'mod partikolari, li l-perjodu ta' sentejn huwa neċessarjament arbitrarju u li dan ir-regola jista' jkun impossibbli li tinfurzaha minħabba li se jkun diffiċli li wieħed jivverifika kwalunkwe rabta kawżali u l-eżistenza ta' pjan sentejn qabel iż-żmien; jinsab imħasseb li din ir-regola tista' tiffavorixxi kumpaniji mhux Ewropej aktar milli kumpaniji Ewropej u li tista' twassal għal rilokazzjoni barra miż-ŻEE meta attività tista' minflok tiġi attirata permezz ta' għajjnuna reġjonali lejn żona meġħjuna;

16. Jesprimi dubji wkoll dwar l-ineliġibbiltà għal għajjnuna reġjonali għal "intrapriżi li jinsabu f'diffikultajiet" fis-sens tal-linji gwida Komunitarji dwar l-għajjnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' intrapriżi li jinsabu f'diffikultajiet"(paragrafu 11 tal-abbozz ta' linji gwida); jemmen li l-kumpaniji li jkunu għaddejjin minn ristrutturar ma għandhomx ikunu esposti għal miżuri iktar stretti, speċjalment meta valutazzjoni negattiva preċedenti evalwazzjoni tat-talbiet ta' għajjnuna minn dawn il-kumpaniji tista' twassal għal rilokazzjoni 'l barra mill-UE; jirrimarka li r-ristrutturar responsabbli tal-kumpaniji fl-ambjent tan-negozju inċert u volatili tal-lum huwa il-miżura ewlenija li tipprovdi sostenibbiltà fit-tul tal-investment, tal-impjiegi u tat-tkabbir; jinnota li r-regola proposta kif ġiet abbozzata mhux talli hi inkonsistenti mal-għoti tal-għajjnuna lill-kumpaniji affettwati mill-kriżi ekonomika fir-reġjuni assistiti, iżda hija impossibbli wkoll li tiġi implimentata, peress li dawk il-linji gwida ma fihom ebda definizzjoni preċiża ta' "intrapriżi li jinsabu f'diffikultajiet"; ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2013 li titlob att legali dwar informazzjoni u konsultazzjoni tal-ħaddiema, l-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tar-ristrutturar<sup>1</sup> u jitlob li l-Kummissjoni taġixxi migħajr dewmien;
17. Jinsab konvint li huwa essenzjali li tinżamm xi marġni ta' flessibbiltà għar-rieżami tal-linji gwida, kif imsemmi fl-abbozz ta' paragrafu 177, sabiex ikunu jista' jsir kwalunkwe aġġustament futur meħtieġ, peress li dawn il-linji gwida ġew maħsuba biex ikopru perjodu ta' 7 snin.

---

<sup>1</sup> Testi adottati, P7\_TA(2013)0005.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	28.5.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 38 -: 1 0: 3
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Burkhard Balz, Elena Băsescu, Jean-Paul Basset, Sharon Bowles, Udo Bullmann, Diogo Feio, Markus Ferber, Elisa Ferreira, Ildikó Gáll-Pelcz, Jean-Paul Gauzès, Sven Giegold, Liem Hoang Ngoc, Gunnar Hökmark, Syed Kamall, Othmar Karas, Wolf Klinz, Jürgen Klute, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Werner Langen, Astrid Lulling, Arlene McCarthy, Marlene Mizzi, Sławomir Nitrás, Ivari Padar, Alfredo Pallone, Anni Podimata, Antolín Sánchez Presedo, Olle Schmidt, Peter Simon, Theodor Dumitru Stolojan, Ivo Strejček, Kay Swinburne, Sampo Terho, Marianne Thyssen, Ramon Tremosa i Balcells, Pablo Zalba Bidegain
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Thijs Berman, Philippe De Backer, Bas Eickhout, Sari Essayah, Mojca Kleva Kekuš, Thomas Mann

30.5.2013

## **OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJJIET SOĊJALI**

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar il-politika reġjonali bħala parti minn skemi usa' ta' għajnuna mill-Istat (2013/2104(INI))

Rapporteur: Pervenche Berès

### **SUĠĠERIMENTI**

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijjet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-25 ta' Ġunju 2008 bl-isem “Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir” “Att dwar in-Negozji ż-Żgħar” għall-Ewropa (COM(2008)0394),
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2011 dwar il-ħames Rapport ta' Koeżjoni tal-Kummissjoni u l-istrateġija għall-Politika ta' Koeżjoni għal wara l-2013,
- A. billi l-iżvilupp fl-aktar reġjuni żvantaġġati jista' jinkiseb b'riżultat ta' skemi ta' appoġġ tal-Istat li jinkoraġġixxu investimenti privati futuri f'dawk ir-reġjuni u jsejsu l-impatt pożittiv dwar l-impjiegi;
- B. billi l-għajnuna mill-Istat għandha tiġi allinjata aħjar mal-miri stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta' Lisbona ta' Marzu tas-sena 2000 u l-oġjettivi tal-istrateġija UE 2020, filwaqt li tikkomplimenta l-oġjettivi ta' politiki oħrajn tal-UE, b'mod partikolari l-Politika ta' Koeżjoni;
1. Hu tal-opinjoni li l-implimentazzjoni kemm tal-Politika ta' Koeżjoni kif ukoll tar-regoli dwar l-iskemi ta' appoġġ mill-Istat biex jiġu rinfurzati l-investimenti lokali u reġjonali huma ta' importanza ewlenija għall-promozzjoni ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-iżvilupp reġjonali u lokali u t-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, inkluż fl-industrija u l-ħolqien tal-impjiegi; jinsab imħasseb madankollu dwar jekk ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat humiex koerenti mal-miri stabbiliti mill-istrateġija



Ewropa 2020 u l-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u tal-Investment Ewropej; jitlob għalhekk approċċ koordinat għall-politiki dwar l-għajjnuna mill-Istat u dawk ta' koeżjoni sabiex jinkisbu l-oġettivi soċjali ta' Ewropa 2020;

2. Jiddispaċih li l-bażi ġuridika ta' din ir-riforma ma tipprevedix parteċipazzjoni akbar tal-Parlament fid-dibattitu permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja; jitlob lill-Kummissjoni tikkonsulta lill-Parlament dwar il-kundizzjonijiet għas-sorveljanza tad-deċiżjonijiet u l-atti mill-awtoritajiet nazzjonali u lokali;
3. Jenfasizza l-fatt li l-investment pubbliku u l-għajjnuna mill-Istat huma ta' importanza partikolari għas-sostenn tal-irkupru ekonomiku fl-Ewropa u li dawn għandhom rwol kruċjali fil-finanzjament tal-iżvilupp ta' industriji f'setturi b'potenzjal għoli ta' tkabbir u ta' ħolqien tal-impjiegi, bħall-NTIC u l-ekonomija ekoloġika;
4. Jilqa' l-għan tal-Kummissjoni li trendi l-prinċipji fil-proċess SAM iktar ċari, sempliċi u faċli; huwa tal-fehma li dawn il-prinċipji għandhom ikunu kkoordinati sew ma' politiki oħrajn tal-UE u jkunu ċari, prevedibbli u flessibbli biżżejjed biex jissodisfaw il-bżonnijiet ta' ċerti Stati Membri u r-reġjuni tagħhom li qed iħabbtu wiċċhom ma' żmien ta' kriżi u tbatija ekonomika gravi; itenni r-rikonoxximent tiegħu tar-rwol li għandhom l-għajjnuna mill-Istat u l-investment pubbliku fl-indirizzar tal-kriżi; jesprimi t-tħassib tiegħu li l-proposta, kif ippubblikata għall-konsultazzjoni, ma tibbażax biżżejjed fuq l-evidenza, se tmur kontra l-oġettiv tas-simplifikazzjoni u m'hijiex kumplimentari biżżejjed għall-Politika ta' Koeżjoni, b'mod partikolari b'rabta mar-regoli għall-prevenzjoni ta' rilokazzjoni;
5. Filwaqt li jqis is-sitwazzjoni allarmanti b'rabta mal-qgħad speċjalment fost iż-żgħażaġh, b'livelli li jlaħħqu l-50 % f'ċerti reġjuni, jistieden lill-Istati Membri, ir-reġjuni u l-awtoritajiet kompetenti jagħtu prijorità lill-investimenti li jiffukaw fuq il-ħolqien tal-impjiegi;
6. Jenfasizza li l-għajjnuna reġjonali mill-Istat għall-aktar reġjuni żvantaġġati għandha tteġġegħ l-impjiegi u l-impjiegi għaż-żgħażaġh, u jfakkar li l-għajjnuna reġjonali nazzjonali għandha tiġi implimentata b'mod moderat u proporzjonat sabiex jinkisbu riżultati effiċjenti u effettivi;
7. Jitlob biex it-tqassim f'żoni ġeografiċi jkun armonizzat mal-proposti l-ġodda tal-Kummissjoni għall-politika ta' koeżjoni u b'mod partikolari l-ħolqien ta' kategorija ġdida ta' reġjuni tranżitorji li l-PDG tagħhom huwa bejn 75% u 90% tal-medja tal-UE, u jipproponi sistema simplifikata li fiha r-reġjuni tranżitorji kollha jkunu meqjusa bħala żoni predefiniti koperti mill-Artikolu 107(3)(c);
8. Jemmen li l-appoġġ għas-salvataġġ u r-ristrutturar tal-intrapriżi fi kriżi għandu jimxi id f'id mad-definizzjoni ta' strateġija għall-iżvilupp reġjonali b'oġettivi ċari;
9. Huwa tal-fehma li l-għajjnuna mill-Istat għandha tiffoka l-aktar fuq l-SMEs, billi f'termini ġenerali dawn jimjegaw il-maġġorparti tal-popolazzjoni Ewropea u għandhom għarfien aħjar tal-ħtiġijiet reġjonali, iżda mingħajr ma jiġu esklużi l-intrapriżi l-kbar li għandhom impatt importanti kemm fuq l-impjiegi dirett u indirett u jrawmu l-iżvilupp tar-reġjun fejn dawn joperaw;

10. Jemmen li l-eliġibbiltà ta' intrapriżi kbar għal inċentivi ta' għajjnuna mill-Istat m'għandhiex tiġi determinata biss abbażi tad-daqs tal-intrapriża jew tas-settur li fih topera iżda wkoll abbażi tal-għadd ta' impjegi li jistgħu jinħolqu taħt l-inċentiv, il-kwalità u s-sostenibilità ta' dawn l-impjegi jew is-sostenibilità tal-proġett b'mod ġenerali, inklużi l-effetti fit-tul fuq l-iżvilupp tar-reġjun ikkonċernat u s-sitwazzjoni tal-impjegi f'dawk ir-reġjuni; jenfasizza li, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, id-deċiżjonijiet biex jiġi determinat liema proġetti partikolari għandhom l-ogħla potenzjal li jiksbu l-oġġettivi tal-politiki tal-UE għandhom jitħallew f'idejn l-Istati Membri, ir-reġjuni kkonċernati u l-gvernijiet lokali;
11. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-mudell ta' ekonomija soċjali u inklużiva bħala mudell ekonomiku li, fid-dawl tal-kontribut tiegħu għall-iżvilupp ekonomiku u l-koeżjoni soċjali, għandu jiġi appoġġat; jitlob għalhekk trattament divrenzjat għal dan is-settur;
12. Jilqa' l-klawsola ta' salvagwardja proposta mill-Kummissjoni, li tobbliga kumpaniji kbar iżommu l-investiment u l-impjegi li nħolqu fiż-żona fejn tkun ingħatat l-għajjnuna għal perjodu ta' ħames snin, jew tliet snin fil-każ ta' SMEs;
13. Jissuġġerixxi l-inklużjoni ta' klawsola dwar l-irkupru sħiħ tal-għajjnuna, fuq il-mudell tal-Artikolu 57 tar-Regolament Ġenerali attwali tal-Fondi Strutturali; din il-klawsola ta' rkupru tapplika matul il-ħames snin wara l-għoti tal-għajjnuna jekk jiġu affettwati n-natura tal-operazzjoni kofinanzjata jew il-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tagħha, jekk l-operazzjoni tagħti vantaġġ mhux xieraq lil kumpanija jew awtorità pubblika, jekk tinbidel is-sjieda ta' element infrastrutturali jew fil-każ li titwaqqaf attività produttiva; l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li l-impriżi li huma jew kienu suġġetti għal proċedura ta' rkupru wara t-trasferiment ta' attività produttiva lejn żona oħra fi Stat Membru jew lejn Stat Membru ieħor ma jgawdux minn kontribuzzjoni mill-Fondi Strutturali;

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	29.5.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 36 -: 1 0: 3
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Regina Bastos, Edit Bauer, Heinz K. Becker, Pervenche Berès, Vilija Blinkevičiūtė, Philippe Boulland, David Casa, Alejandro Cercas, Ole Christensen, Derek Roland Clark, Minodora Cliveti, Marije Cornelissen, Emer Costello, Andrea Cozzolino, Sari Essayah, Richard Falbr, Marian Harkin, Nadja Hirsch, Danuta Jazłowiecka, Martin Kastler, Ádám Kósa, Jean Lambert, Verónica Lope Fontagné, Olle Ludvigsson, Thomas Mann, Csaba Óry, Siiri Oviir, Sylvana Rapti, Licia Ronzulli, Elisabeth Schroedter, Joanna Katarzyna Skrzydlewska, Jutta Steinruck, Traian Ungureanu, Andrea Zaroni
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Françoise Castex, Jürgen Creutzmann, Filiz Hakaeva Hyusmenova, Ria Oomen-Ruijten, Antigoni Papadopoulou, Csaba Sógor

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	30.5.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 33 -: 6 0: 3
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Luís Paulo Alves, Jean-Jacob Bicep, John Bufton, Nikos Chrysogelos, Francesco De Angelis, Danuta Maria Hübner, Filiz Hakaeva Hyusmenova, Vincenzo Iovine, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Mojca Kleva Kekuš, Constanze Angela Krehl, Petru Constantin Luhan, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Ana Miranda, Jens Nilsson, Jan Olbrycht, Wojciech Michał Olejniczak, Markus Pieper, Tomasz Piotr Poręba, Georgios Stavrakakis, Csanád Szegedi, Nuno Teixeira, Lambert van Nistelrooij, Oldřich Vlasák, Kerstin Westphal, Hermann Winkler, Joachim Zeller, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Martina Anderson, Karin Kadenbach, Lena Kolarska-Bobińska, Elisabeth Schroedter, Patrice Tirolien, Evžen Tošenovský, Giommaria Uggias, Manfred Weber, Iuliu Winkler
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Albert Deß, Takis Hadjigeorgiou, Katarína Neved'alová